MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 4/2002/2

**John Said**

**Vs**

**Michael Bugeja**

Permezz ta' kawza prezentata fil-31 ta' Jannar 2002 l-attur qieghed jitlob il-likwidazzjoni u hlas ta' danni li jghid li sofra fl-4 ta' Gunju 2000 fit-Teasers Pub, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, meta l-konvenut hebb ghalih u tah daqqa ta' ponn b'rizultat ta' liema sofra griehi fi snienu.

Min-naha tieghu l-konvenut wiegeb:-

1. In-nuqqas ta' kompetenza *ratione valoris* tal-qorti.
2. L-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2154(1) tal-Kodici Civili.
3. Il-konvenut ma hebbx ghall-attur ghal xejn b'xejn, izda ghamel hekk biss sabiex jiddefendi lill-ibnu u lill-mara tieghu.

4. F’kull kaz l-attur ikkontribwixxa sostanzjalment ghall-hsara li garrab.

Permezz ta’ sentenza li nghatat minn din il-qorti fit-8 ta’ Mejju, 2008 il-konvenut gie dikjarat responsabbli ghall-incident u kkundannat ihallas is-somma ta’ €4,634. Sentenza li giet imhassra mill-Qorti b’sentenza tal-Appell fit-30 ta’ Lulju 2010 peress li l-ewwel qorti kienet naqset milli tiddeciedi l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. L-ewwel eccezzjoni kienet giet michuda permezz ta’ sentenza li nghatat fit-30 ta’ Jannar 2004 (fol. 28).

2. It-tieni eccezzjoni hi li l-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2154(1) tal-Kodici Civili, li jipprovdi:-

*“Dwar il-preskrizzjnoi ta’ l-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b’reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni kriminali.”*.

Fir-rigward ta’ eccezzjoni simili kollox jiddependi mill-mod kif tkun giet proposta l-kawza. L-attur jippremetti li l-konvenut hebb ghalih volontarjament meta tah daqqa ta’ ponn f’wiccu, u b’konsegwenza tal-aggressjoni sofra griehi fi snienu u li huma ta’ natura permanenti.

Jirrizulta li fl-incident l-attur tilef is-sinna ta’ fuq li hi l-*left central incisor*, cjoe’ sinna ta’ quddiem.

L-Artikolu 214 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

*“Kull min, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra, jew igibilha disordni f’mohha, ikun hati ta’ offiza fuq il-persuna.”*.

In sostenn tat-tieni eccezzjoni il-konvenut ma ghamel l-ebda riferenza ghall-provvediment tal-Kodici Kriminali li

japplika ghal finijiet tal-preskrizzjoni kontemplata taht l-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili. Wara l-incident il-konvenut gie akkuzat li kien hebb u sawwat lill-attur u kkagunalu griehi hfief. B'sentenza li nghatat fl-10 ta' Ottubru 2001 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Gudikatura Kriminali sabitu hati li kkaguna griehi hfief.

Kemm jekk wiehed kellu jqies l-offiza, li l-attur jallega li garrab, bhala gravi jew hafifa m'hemmx dubju li l-azzjoni ghad-danni m'hijiex preskritta. L-offiza hafifa ggorr maghha mhux iktar minn tlett xhur prigunerija jew multa. Skond l-Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali t-terminu tal-preskrizzjoni applikabbli hu ta' sentejn. Ovvjament jekk wiehed kellu jikkwalifika l-offiza li sofra l-attur bhala wahda gravi, il-piena ghad-delitt kienet tkun iktar u l-azzjoni kienet taqa' bi preskrizzjoni itwali minn sentejn. L-incident sehh fl-4 ta' Gunju 2000 filwaqt li c-citazzjoni giet prezentata fil-31 ta' Jannar 2002. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ser tigi michuda.

3. Fil-meritu l-konvenut qieghed isostni li hebb ghall-attur biex jiddefendi lill-ibnu u lill-mara ta' ibnu. L-attur xehed: *"Kont wahdi, kont qieghed niehu drink hemmhekk u nqala' dan Michael Bugeja minghajr ma nafu jew l-ebda haga u qabad u qalghali daqqa ta' ponn go wicci."* (fol. 75). Il-qorti ma temminx din il-verzjoni li pprova jpingi l-attur, fis-sens li kien ghal kwiet u l-konvenut hebb ghalih. Verzjoni li m'hijiex kredibbli. Madankollu wara li l-qorti rat l-atti hi tal-fehma li d-daqqa ta' ponn li ta l-konvenut kienet bla bzonn. Il-konvenut qal: *"It-tifel tieghi mbuttah kemm kemm u John Said mar ghalih biex itih u jien kif rajtu sejjer itih mhux se nhallih itih,* ***mort jien u tajtu daqqa ta' ponn."*** (fol. 81). Il-konvenut invoka d-difiza legittima. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Awwissu 1998, il-qorti osservat: *"L-element ta l-evitabilita' jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-glied li jara gej meta dan ikun jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita huwa stess il-*

*konfront fiziku."*[1]*.* Ghalkemm il-konvenut qal ukoll li *"kont xurban"*, dan zgur li ma jistax jiggustifika l-agir tieghu. Il-verzjoni li ta l-konvenut hi differenti minn dik li ta ibnu (Michael Bugeja) u mart ibnu (Loretta Bugeja). Din tal-ahhar qalet li *"Jigifieri f'kelma wahda, John qabad u imbotta lil tieghi, u tieghi qallu 'dik il-mara tieghi'. Ir-ragel tieghi qallu 'dik il-mara tieghi'. U John qallu 'dak x'jimpurtani'. U f'daqqa wahda dahal Michael Bugeja, u dahlu l-bouncers, u kemm kemm messu u waqa' ma' l-art."* (fol. 129). Il-fatt li bid-daqqa ta' ponn lill-attur inkisritlu sinna m'huwiex veru li *"kemm kemm messu"*. Ghalkemm Michael Bugeja qal li l-attur imbuttah, fl-ebda hin ma qal li Said mar ghal fuqu biex isawwtu. Iben il-konvenut qal li kien fil-hin li hu gie mbuttat mill-attur li missieru ndahal. Il-qorti ma temminx li kien hemm xi attentat ta' aggressjoni min-naha ta' Said li kienet titlob li l-konvenut jintervejni u jaghti daqqa ta' ponn lill-attur f'wiccu. Il-konvenut ma kellu x'jaqsam xejn mal-incident zghir li nqala' fid-*dance floor*, u f'kull kaz ir-reazzjoni tieghu kienet ghal kollox sproporzjonata. Il-qorti m'ghandix dubju li fic-cirkostanzi ta' dak li sehh, jekk il-konvenut hass il-htiega li jiddefendi lill-ibnu d-daqqa ta' ponn ma kenitx l-uniku rimedju possibbli. Il-konvenut kellu kull opportunita jagixxi b'mod differenti minghajr ma jikkaguna hsara lill-attur. Minflok il-konvenut ipprova jikkalma l-affarijiet, xammar idejh ghall-glied, indahal fin-nofs u ha l-ligi b'idejh. Fic-cirkostanzi hi moralment konvinta li r-responsabbilta ghad-danni li sofra l-attur hi biss tal-konvenut.

Lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi htija kontributorja da parti tal-attur, li fl-ebda stadju ma tkellem mal-konvenut. Il-konvenut isostni li birr-raba' eccezzjoni kien qieghed jecepixxi l-provokazzjoni. Il-qorti tosserva li:-

i. L-eccezzjoni tal-provokazzjoni m'hijiex kompatibbli ma' l-eccezzjoni ta' *legittima difesa*;

ii. F'kull kaz ghalkemm il-qorti hi tal-fehma li l-attur tkessah meta pprova jaqbad ma' Loretta Bugeja u qaltlu li kellha r-ragel taghha, dan il-fatt ma seta qatt

[1] Saret riferenza ghaliha fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell **fil-kawza Anthony Caruana vs William Mock** deciza fl-20 ta' Ottubru 2008.

jiggustifika li l-konvenut jindahal fin-nofs u jfajjar daqqa ta' ponn qiesu qieghed ighix fiz-zmien tal-Far West; *"L-iskuzanti tal-provokazzjoni lanqas hi ammessa, jekk dik ir-reazzjoni tieghu ma kenitx proporzjonata."* (Volum Vol. XL.i.376).

iii. Fil-kawza **Il-Pulizija vs Emanuel Tabone** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal fis-26 ta' Awwissu 1998 inghad: *"provokazzjoni trid tkun tali li f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu l-konesgwenzi tad-delitt. Il-kriterju huwa wiehed oggettiv;* ***il-bniedem ta' temperament ordinarju."***. Il-qorti hi tal-fehma li r-reazzjoni li kellu l-konvenut ma tistax tikkwalifika bhala reazzjoni ta' bniedem b'temperament ordinarju. Jista' jkun li l-fatt li kien qieghed jixrob ma ghenx lill-konvenut biex jirrifletti qabel ma jaghmel dak li ghamel, pero dan m'huwiex skuzanti.

4. Fir-rigward tad-danni rrizulta li bid-daqqa ta' ponn l-attur tilef sinna ta' quddiem. Skond ir-rapport li ghamel id-dentist Dr Joseph Xuereb[2]:-

*"Dr Tanya Camilleri Casha treated him between 4th and 22nd September 2000 and attempted to save the tooth in question, but to no avail. The tooth was subsequently lost. Mr Said was then seen by Mr Mark Sciberras on 19th January 2001 who fitted temporary removable replacement for the missing tooth. This was not satisfactory for the patient and surgery to place an implant into the jaw bone was carried out by Dr Sciberras in July 2001. the final fixed crown was fitted in February 2002."*.

Hu evidenti li l-griehi li sofra l-attur ma wasslux ghal xi telf fil-kapacita lavorattiva tieghu. Ovvjament dan ma jfissirx li hu ma sofriex danni tangibbli.

Mill-atti jirrizulta li l-ispejjez medici li saru kienu fl-ammont ta' **Lm915.88 (€2,133)**[3]. Il-perit mediku qal ukoll li fil-futur jista' jkun li s-sinna artificjali jkollha bzonn tinbidel. Il-qorti sejra *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta' elf u erbgha

---

[2] Nominat b'digriet tal-21 ta' Lulju 2006.
[3] Ara dokumenti a ol. 86-89.

mitt ewro (€1,400) biex taghmel tajjeb ghal din l-eventwalita, u ghal kura li jista' jkollu bzonn matul is-snin, u biex tindenizzah ghal fatt li tilef sinna originali[4].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad it-tieni eccezzjoni.**

**2. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet u:**

**i. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fl-4 ta' Gunju 2000 f'Teasers Pub, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex.**

**ii. Tillikwida d-danni fis-somma ta' tlett elef hames mija u tlieta u tletin ewro (€3,533).**

**iii. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef hames mija u tlieta u tletin ewro (€3,533).**

**Spejjez, salv ghal dawk li jissemmew fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Lulju 2010, ikunu a karigu tal-konvenut fir-rigward ta' sebghin fil-mija (70%) u tletin fil-mija (30%) a karigu tal-attur[5]. B'dan li l-ispejjez relatati mas-sentenza parzjali tat-30 ta' Jannar**

---

[4] Id-dentista Dr Jospeh Xuereb xehed *"Sfortunatament ghalkemm dan huwa l-ahjar state of the art treatment li jezisti bhal issa, ma hemm xejn illi jissostitwixxi sinna b'sahhitha naturali."* (fol. 114). Kompla jghid: *"Is-sinna artificjali hija fl-estetika u fil-funzjoni, sodisfacenti hafna, pero wiehed qatt ma jista' jissostitwixxi sinna naturali bl-istess mod."* U *"In kwantu ta' disability, ma jkunx hemm peresentagg ta' disability, ghaliex to all intents and purposes, hja xi haga li tissostitwtixxi s-sinna normali naturali. Pero' jista' jkun, illi l-life span ta' din is-sinna li tissostitwixxi s-sinna naturali, ma jkunx twil daqs kemm kieku tkun ta' sinna naturali."* (fol. 115).

[5] Il-qorti qeghda tordna hekk mehud in konsiderazzjoni tas-somma li giet likwidata bhala danni gialadarba l-attur kien iddikjara li qieghed jippretendi danni f'ammont iktar minn €11,646.

**2004 ikunu a karigu tal-konvenut. Bl-imghax fir-rigward tal-ispejjez medici li ghamel l-attur b'sehh mit-8 ta' Marzu 2006[6] u l-bilanc b'effett mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[6] Data li fiha n-nota u dokumenti relatati mal-ispejjez inghataw lid-difensur tal-konvenut (ara fol. 85).